

# Parroċċa San Lawrenz

## Il-Hadd huwa l-hajja tan-nisrani!



*tel. 21556073-21550816; mob. 99832376; email. slawrenzparish@onvol.net*

## X'Fadal mill-Milied?

B'mod jew ieħor l-affarijiet kollha konnessi mal-Milied inġabru f'posthom biex jekk nibqgħu ħajjin jintużaw għas-sena d-dieħla. Oħrajn iħarsu lejhom infushom u jħossuhom li żdiedu fil-piż allura jridu jaraw kif ser inaqsu dak iż-żejjed li nġema' f'dan iż-żmien tal-Milied. Iżda aħna bħala nsara x'fadlilna mill-Milied? X'ħadt f'dan il-Milied? Dawn huma mistoqsijiet li bħala nsara, kif ukoll bħala parroċċa, irridu nwieġbu. Għax jekk dan il-Milied kien biss żmien ta' ċelebrazzjonijiet, festi, ikel, xorb, *parties* u rigali, allura jfisser li aktar kellu xeħta pagana milli kristjana.

Aħna bħala parroċċa ppruvajna ngħixuh bi tħejjija u b'ċelebrazzjoni. It-tħejjija bdiet f'nofs Novembru bl-irtir parrokkjali, imbagħad kellna l-eżerċizzi u wara dħalna fis-sahra permezz tal-kant tas-Salmi kull filgħodu. It-tieni parti tal-Avvent kien tħejjija aktar intensa permezz tan-novena. Wara wasalna biex iċċelebrajna t-tifkira tat-twelid tiegħu u l-festi konnessi mal-misteru tat-twelid tiegħu u temmejna l-festi l-Ħadd li għadda bil-festa tal-Magħmudija tiegħu u bil-festa tal-kwaranturi. Għall-grazzja t'Alla nistgħu ngħidu li morna tajjeb għalkemm, forsi minħabba l-mard, stajna morna ħafna aħjar speċjalment bħala attendenza fin-novena u fil-quddiesa ta' nofs il-lejl.



Il-Knisja ttemm żmien il-Milied bil-festa tal-Magħmudija tiegħu biex tfakkarna li wara li aħna lqajnieh fostna, issa jeħtieġ ngħixu l-Magħmudija tagħna. Kif? Billi noqorbu aktar lejH u nisimgħu l-Kelma tiegħU, kif ukoll billi nersqu aktar ta' spiss lejn l-Ewkaristija u wkoll inkunu xhieda tiegħU. Inkella bħala nsara l-Milied jibqa' biss tifkira tal-imgħoddi. Nistedinkom għalhekk biex insibu ħin għaliH sabiex Hu jkompli jkun d-dawl u t-triq tagħna.

Ir-rebbieħa tal-*Hamper* li ttella' b'riżq iċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet hija Georgia Formosa.

## Il-Laqgħa tal-Ġenituri

Xtaqt li nara aktar ġenituri tat-tfal tad-duttrina għal-laqgħa li saret għalihom l-Erbgħa li għaddiet. In-nuqqas ta' attendenza jfisser nuqqas ta' interess fil-ġid veru ta' uliedkom. Nittama li għal-laqgħa li jmiss li ser tkun nhar il-Ġimgħa 28 ta' Jannar, fis-7.30pm fiċ-Ċentru Parrokkjali, tkunu preżenti kollha.

## *Parental Skills*

F'dawn iż-żewġ *weekends* inkunu temmejna l-korsijiet kollha tal-*parental skills*. Ngħid grazzi lill-kummissjoni familja li ħadmet biex isiru dawn il-korsijiet. Xtaqt nara aktar interess mill-ġenituri li qed irabbu għal dawn il-korsijiet tant bżonnjużi għall-familja. Ħafna żbalji u nkwiet bejn il-koppja u bejn l-ġenituri u l-ulied ħafna drabi jiġu min-nuqqas ta' tagħlim. Nittama li meta jsiru xi korsijiet bħal dawn ikun hemm aktar interess.

## Id-Duttrina tal-Ħamis

Nhar il-Ħamis li ġej, il-laqgħa għat-tfal kollha tad-duttrina se tkun fis-6.00pm fil-knisja fejn ikollhom quddiesa.

## *Mobiles* Qodma

Il-Ġiżwiti qed jagħmlu kampanja ta' ġbir ta' *mobiles* qodma b'risq il-missjoni tagħhom fl-Afrika. Poġġi l-*mobile* qadim jew ma jaħdimx fil-kaxxa li hemm apposta fil-knisja.

## Talba għall-Għaqda tal-Knejjes

Mit-18 sal-25 ta' Jannar, il-Knisja tħeġġiġna nitolbu biex ikun hawn merħla waħda u ragħaj wieħed. Ejjew ningħaqdu mal-Knisja kollha u nitolbu għal dan l-iskop.

## Applikazzjoni għal Kinder 1

Il-Kurja tavża li se joħorġu l-applikazzjonijiet għad-dħul fil-Kinder 1 fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2011-2012. It-tfal li jiġu reġistrati jridu jkunu twieldu fis-sena 2008. Il-formoli jinġbru mill-Kurja t'Għawdex it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa 17, 19, u 21 ta' Jannar 2011 bejn id-9.00am u 11.00am u jiġu ppreżentati fil-Kurja t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa 24, 26, u 28 ta' Jannar 2011, bejn id-9.00am u l-11.00am.

## Matul din il-Ġimgħa nitolbu:

**It-Tnejn 17 ta' Jannar**
Għal ruħ Pawlu u Wenzu Galea
Għal ruħ Albert Julius Muller
Għal ruħ Frenċ u Katrina Cauchi

**It-Tlieta 18 ta' Jannar**
Għal ruħ Marianna Grima
Għal ruħ Franġiska Falzon
Għal ruħ Anġelina Cauchi F

**L-Erbgħa 19 ta' Jannar**
Għal ruħ Wenzu u Anġela Cauchi (L 64)
Għal ruħ Luigi u Anna Farrugia
ANNIVERSARJU (LEG 64)
GĦAL RUĦ ANĠELA CAUCHI

**Il-Ħamis 20 ta' Jannar**
Għal ruħ Molly Agius
Għal ruħ Grazzja Micallef
Għal ruħ Pawlu Formosa

**Il-Ġimgħa 21 ta' Jannar**
Għal ruħ Saverja Piscopo
Għal ruħ Wenzu u Maria Antonia Borg
Għal ruħ Ġużepp u Carmela Grima (L 67)

**Is-Sibt 22 ta' Jannar**
Għal ruħ Joe u Luigi Grima
Għal ruħ Wenzu u Anġela Cauchi (L 64)
ANNIVERSARJU (LEG 64)
GĦAL RUĦ WENZU CAUCHI